MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Kompetenza Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2021

Appell Inferjuri Numru 339/2019/1 LM

**Michele Siciliano (K.I. 146317A)**
*('ir-rikorrent')*

***vs.***

**Christopher Abela (K.I. 186269M) u David Smith (K.I. 239482M)**
*('l-intimati')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimati **Christopher Abela (K.I. 186269M)** u **David Smith (K.I. 239482M)** [aktar 'il quddiem 'l-intimati'], minn deċiżjoni tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], tal-20 ta' Novembru, 2020 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], li permezz

tagħha t-Tribunal laqa' t-talba tar-rikorrent **Michele Siciliano (K.I. 146317A)** [aktar 'il quddiem 'ir-rikorrent'] limitatament fis-somma ta' tmien mitt Euro (€800), bl-imgħaxijiet mid-data tad-deċiżjoni, u bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali 979/2019, li t-Tribunal iddeċieda li għandhom jiġu sopportati kwantu għal żewġ partijiet minn ħamsa (2/5) mir-rikorrent, u r-rimanenti tliet partijiet minn ħamsa (3/5) mill-intimati.

## Fatti

2. Fir-rikors tiegħu, ir-rikorrent spjega li fis-16 ta' Marzu, 2019 huwa kien xtara mingħand l-intimati l-mutur tal-għamla 'Piaggo Vespa', bin-numru ta' reġistrazzjoni ACP 273, bil-prezz ta' €2,850 kif jidher mill-kuntratt ta' bejgħ u mil-*log book* esebiti, u l-intimati kienu wiegħdu u kkonfermaw mar-rikorrent li fost l-oħrajn il-mutur huwa mudell 'GTS 300', u li dan il-mutur partikolari kien għamel madwar 33,000 kilometru. Ir-rikorrent spjega li wara li sar il-bejgħ, irriżulta li l-mutur mhuwiex mudell GTS 300, iżda mudell 250, u li dan il-mutur kien għamel aktar minn 100,000 kilometru. Qal ukoll li l-*odometer* li kien imwaħħal fuq il-mutur meta nxtara minnu, kien imbagħbas sabiex erronjament juri li l-mutur kellu 33,000 kilometru, iżda fil-verità dan il-mutur kellu kilometraġġ ferm aktar minn hekk. Ir-rikorrent spjega li huwa stabbilixxa dawn il-fatti bl-għajnuna ta' espert tekniku, li vvaluta l-mutur fl-ammont ta' €800 fil-jum tal-bejgħ. Ir-rikorrent qal li għalhekk huwa bil-wisq evidenti li l-mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni ACP 273 mibjugħ mill-intimati lir-rikorrent, mhuwiex tal-kwalità pattwita, u konsegwentement ir-rikorrent qiegħed jitlob tnaqqis fil-prezz sabiex dan jirrifletti l-valur veru tal-mutur skont l-istima tal-espert tekniku

inkarigat mir-rikorrent stess. Ir-rikorrent qal li minkejja li l-intimati ġew interpellati diversi drabi sabiex iħallsu lir-rikorrent id-differenza, dawn baqgħu inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

**Mertu**

3. Permezz tat-talbiet tiegħu, ir-rikorrent talab lit-Tribunal jikkundanna lill-intimati għall-ħlas ta' €2,050, jew somma oħra verjuri, prevja kull provvediment jew dikjarazzjoni oħra li tkun neċessarja.

4. Flimkien mar-rikors tiegħu, ir-rikorrent ippreżenta kopja tal-*bill of sale* li permezz tiegħu huwa xtara l-mutur imsemmi bil-prezz ta' €2,850, li jirriżulta li tħallsu fi flus kontanti. Ippreżenta wkoll kopja tal-*log book* tal-mutur, minn fejn jirriżulta li l-aħħar *mileage* irreġistrat kien ta' 33,722 kilometri. Ir-rikorrent ippreżenta wkoll kopja tar-rapport tas-*surveyor* **Tonio Mizzi**, li f'rapport bid-data tal-21 ta' Ottubru, 2019, spjega li huwa spezzjona dan il-mutur ġewwa l-istabbiliment 'Power Connection Motor Cycle Repairs' ta' Santa Venera, u kkonstata għadd ta' difetti. Qal li l-qafas tal-mutur jirriżulta li mhux allinjat, u l-kilometraġġ oriġinali tal-mutur jeċċedi l-100,000 kilometru, iżda meta r-rikorrent innegozja x-xiri ta' dan il-mutur, huwa kien ġie mgħarraf li dan kellu kilometraġġ ta' 33,000 kilometru. Fir-rapport tiegħu, l-espert indika li l-*istickers* mal-ġnub tal-mutur jindikaw li dan il-mudell mhux GTS 300 iżda 250, u meta eżamina l-mutur sab li dan kellu problema fil-magna għaliex kien hemm taħlit taż-żejt mal-ilma. L-espert inkarigat mir-rikorrent qal li l-valur ta' dan il-mutur meta seħħ it-trasferiment kellu jkun ta' €800 u mhux ta' €2,850. Ir-rikorrent

ippreżenta wkoll kopja tal-ittra uffiċjali li huwa bagħat lill-intimati bid-data tat-3 ta' Ġunju, 2019, li permezz tagħha huwa interpellahom sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas rappreżentanti t-tnaqqis fil-prezz tal-mutur stante li dan jirriżulta li ma kienx tal-kwalità pattwita.

5. Permezz ta' digriet tat-3 ta' Frar, 2020, it-Tribunal ordna li ladarba l-intimati, minkejja li attendew għas-seduti, naqsu milli jwieġbu bil-miktub entro t-terminu legalment impost fuqhom għar-risposta, dawn għandhom jitqiesu li baqgħu kontumaċi. It-Tribunal qal li filwaqt li huwa minnu li l-kawżi quddiemu għandhom jiġu deċiżi b'ekwità, madanakollu dan ma jfissirx li xi parti jew oħra tista' tinjora t-termini statutorji għall-preżentata ta' atti li huma neċessarji u kostituttivi tal-azzjoni stess jew tad-difiża għaliha. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, it-Tribunal iddeċieda li l-intimati huma kontumaċi, u għalhekk ordna l-isfilz mill-proċess tar-risposta tagħhom, u ordna l-prosegwiment tal-kawża bil-provi tar-rikorrent.

6. Ir-rikorrent **Michele Siciliano** fl-*affidavit* tiegħu xehed li f'Marzu tal-2019, huwa ried jixtri mutur tat-tip 'Piaggio Vespa', u dak iż-żmien huwa speċifikament ried mutur ta' 300 ċentimetru kubiku, għaliex ried mutur li jkun aktar b'saħħtu mill-mutur li huwa kellu dik il-ħabta. Qal li huwa kien ra reklam fuq il-*Marketplace* tal-*Facebook,* li kien qiegħed jirreklama għall-bejgħ mutur tat-tip 'Piaggio Vespa' 300 GTS, li kien deskritt bħala li kien f'kundizzjoni perfetta u qisu ġdid. Dan il-mutur kien reklamat bil-prezz ta' €2,950. Qal li huwa ddeċieda li jikkuntattja lil min għamel ir-reklam, u meta ċempel tkellem ma' Christopher Abela, li qallu li l-mutur inkwistjoni kien f'kundizzjoni tajba ħafna u li kulma kellu

kien biss madwar 33,000 kilometru. Qal li kien għalhekk li huwa ddeċieda li jmur jara l-mutur fil-garaxx tal-intimati ġewwa Santa Venera. Qal li l-intimati wrewh il-*log book* tal-mutur li kien juri kilometraġġ ta' madwar 33,000 kilometru, u assigurawh li l-mutur kien f'kundizzjoni eċċellenti, u li l-mudell tiegħu kien GTS 300. Qal li l-*istickers* li kien hemm mal-ġnub tal-mutur kienu juru dan ukoll. Ir-rikorrent kompla jgħid li huwa ddeċieda li jmur dawra bil-mutur biex jittestjah, u wara li ra li dan jista' jinstaq tajjeb, iddeċieda li jixtrih. Qal li huwa ftiehem mal-intimati fuq il-prezz ta' €2,850, u ħallielhom depożitu ta' €1,500, u l-partijiet iffirmaw ftehim bejniethom li kien isemmi fost l-oħrajn dettalji bħall-kilometraġġ u l-mudell speċifiku tal-mutur. Ir-rikorrent kompla jgħid li wara jumejn huwa għamel l-arranġamenti tal-assigurazzjoni, u mar biex jieħu l-mutur wara li ħallas lill-intimati l-bilanċ ta' €1,350. Qal li meta xtara l-mutur dan kellu *dashboard* tat-tip *analogical*, u l-intimati kienu infurmawh li d-*dashboard* oriġinali kien diġitali, imma għal xi raġuni dan kien qiegħed jissewwa. Qal li wara xi jiem huwa reġa' mar għand l-intimati u dawn waħħlulu d-*dashboard* diġitali kif imwiegħed, iżda hekk kif ħares lejn l-*odometer* huwa sab li dan kien qiegħed juri kilometraġġ ta' 112,000 kilometru. Ir-rikorrent qal li huwa ddeċieda li jieħu l-mutur għand *mechanic* li jafda u li huwa familjari ma' dawn it-tip ta' muturi, li infurmah li huwa kien diġà ra l-mutur għaliex l-intimati kienu ppruvaw ibigħuh lilu. Qal ukoll li l-*mechanic* infurmah li huwa kien ittestja l-*odometer* bil-kompjuter u kien ikkonferma li l-kilometraġġ attwali tal-mutur kien dak li kien qiegħed jimmarka d-*dashboard,* jiġifieri 112,000 kilometru. Il-*mechanic* infurmah ukoll li mhuwiex possibbli li wieħed ibagħbas ma' *dashboard* elettronika, u qallu wkoll li l-mutur inkwistjoni mhuwiex mudell GTS 300 iżda 250, u li kienu biss l-*istickers* li twaħħlu mal-mutur li kienu jindikaw li dan kien

mudell 300. Ir-rikorrent qal li huwa mar fil-garaxx tal-intimati u talabhom spjegazzjoni għal dan, iżda din id-darba dawn ħaduh bl-herra u ma ridux jitkellmu miegħu. Qal li għalhekk ma kellu l-ebda għażla oħra għajr li jistitwixxi proċeduri legali fil-konfront tal-intimati, għaliex dawn kienu biegħulu mutur li mhux tal-kwalità mwiegħda lilu. Qal li kien f'dan il-punt ukoll li huwa inkariga *surveyor* sabiex jeżamina l-mutur u jħejji rapport u stima tiegħu. Ir-rikorrent qal li s-*surveyor* kien qallu li minħabba fl-ammont ta' kilometri li kellu l-mutur, dan kien ser ikollu diversi problemi ta' *wear and tear,* u wara li ħa dan kollu inkonsiderazzjoni, ivvaluta l-mutur fis-somma ta' €800.

7. Quddiem it-Tribunal xehed ukoll **Neville Magri**, li spjega li huwa *mechanic* u li ilu jaħdem f'dan ix-xogħol għal diversi snin. Qal li huwa jaf lill-partijiet fil-kawża, lir-rikorrent għaliex dan kien ħadlu l-Vespa biex isewwih, u lill-intimati għaliex ġieli ħadulu xi xogħol. Ix-xhud qal li l-mudell li ħadlu r-rikorrent effettivament kien ta' Vespa GTS 250, u minkejja li l-GTS 300 u 250 għandhom l-istess tip ta' *body,* fuq in-naħa tal-lemin tal-GTS 300 hemm il-*ventilators,* filwaqt li l-mudell l-ieħor m'għandux. Qal li fil-fatt fuq il-mudell li ħadlu r-rikorrent m'hemmx *ventilators,* u kkonferma li l-mutur li ħadlu r-rikorrent kellu kilometraġġ ta' 114,601 kilometru. Ix-xhud qal li l-Vespa għadu fil-pussess tiegħu u għadu ma ssewwiex, għaliex meta huwa mar biex jiċċekkja ż-żejt tal-mutur, xħin fetaħ id-*dip stick,* sab ilma minflok żejt. Qal li din il-ħsara tirriżulta jew għaliex tkun marret xi *gasket* jew tkun marret xi *cylinder head,* iżda huwa m'għamilx investigazzjoni ulterjuri f'dan ir-rigward. Ix-xhud qal li l-ħsara li huwa sab fuq dan il-mutur tista' tkun riżultat ta' *wear and tear*.

8. **Anthony Mizzi** fix-xhieda tiegħu qal li huwa jaħdem bħala *surveyor* tal-karozzi u l-muturi, u ilu jaħdem f'dan is-settur għal dawn l-aħħar tletin sena. Qal li meta eżamina l-mutur sab li l-furketta tiegħu ma kinitx allineata, u spjega li dan jista' jkun jew riżultat ta' inċident kif ukoll minħabba fatturi oħra. Qal li huwa seta' jistabbilixxi wkoll li l-kilometraġġ ta' dan il-mutur kien ta' aktar minn 100,000 kilometru, u huwa kien innota li l-*istickers* ta' fuq il-mutur jgħidu xi ħaġa differenti minn dak li jirriżulta mil-*log book* tal-mutur stess. Qal li meta l-*mechanic* fetaħ it-tapp taż-żejt sab taħlita ta' żejt u ilma, u dan x'aktarx li huwa riżultat ta' xi problema fil-*gasket* jew fil-magna tal-istess mutur. Ix-xhud qal li mid-difetti li huwa seta' jikkonstata, wasal għall-konklużjoni li l-valur ta' dan il-mutur ma jeċċedix it-€800. L-istess xhud reġa' xehed f'udjenza sussegwenti, fejn spjega li huwa kien wasal għall-konklużjoni li dan il-mutur kien jiswa €800 dakinhar li nxtara, minħabba fid-difett li kien hemm fil-magna, id-diskrepanza fil-kilometraġġ u l-ħsara li kien hemm fl-istruttura tal-istess mutur. Qal li d-difett fil-magna aktarx li kien ġej minn taħlit ta' żejt u ilma, filwaqt li l-ħsara fl-istruttura aktarx li hija riżultat ta' xi tip ta' impatt, bħal pereżempju xi inċident jew waqgħa. Kompla jgħid li d-difett fil-magna aktarx li kien ġej minn *wear and tear* fil-*gasket*, għaliex hemm sistema li permezz tagħha min-naħa jgħaddi l-ilma u min-naħa l-oħra jgħaddi ż-żejt, u jekk dawn iż-żewġ materjali jitħalltu, jirriżulta dan id-difett li sab. Ix-xhud qal li fil-preżent huwa mhux f'pożizzjoni li jagħmel dikjarazzjonijiet dwar id-diskrepanza fil-prezz tal-Vespa għar-rigward tal-mudelli li semma. Permezz ta' nota ppreżentata quddiem it-Tribunal, l-istess xhud spjega li d-diskrepanza fil-prezz bejn il-Vespa 250 u 300 hija ta' €300, għaliex il-GTS 300 huwa mudell differenti.

## **Id-Deċiżjoni Appellata**

9. Permezz ta’ deċiżjoni mogħtija fl-20 ta’ Novembru, 2020, it-Tribunal iddeċieda l-vertenza odjerna billi laqa’ t-talba tar-rikorrent limitatament fis-somma ta’ tmien mitt Euro (€800), bl-imgħaxijiet mid-data tad-deċiżjoni u bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali 979/2019, li għandhom jiġu sopportati kwantu għal żewġ partijiet minn ħamsa mir-rikorrent u r-rimanenti tliet partijiet minn ħamsa mill-intimati, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *“Illi l-kawża odjerna tirrigwardja talba għal rifużjoni ta’ parti mill-prezz imħallas mill-attur lill-konvenut fir-rigward tal-mutur allegatament mibjugħ bħala mudell GTS 300 b’kilometraġġ ta’ 33,000 iżda li sussegwentement irriżulta li huwa mudell 250 b’kilometraġġ ta’ aktar minn 100,000. Permezz ta’ digriet datat 3 ta’ Frar, 2020 dan it-Tribunal sab li l-konvenuti huma kontumaċi u ordna l-isfilz mill-proċess tar-risposta tagħhom.*
>
> *Illi fir-rigward tan-natura tat-talba odjerna l-art. 1390 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi testwalment li:*
>
> “Jekk il-ħaġa li l-bejjiegħ iġib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalità mwiegħda, jew ma tkunx bħall-kampjun li fuqu l-bejgħ ikun sar, ix-xerrej jista’ jagħżel jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni, jew li jirċievi l-ħaġa bi prezz anqas fuq stima ta’ periti.”
>
> *Illi dan huwa proprju dak li l-attur fil-kawża odjerna qiegħed jallega u jitlob. F’dan ir-rigward it-Tribunal jaqbel mas-sottomissjoni tal-konvenut limitatament fis-sens li, skont ma jirriżulta ċar mill-avviż tat-talba, l-azzjoni odjerna mhijiex relattiva għal xi allegazzjoni ta’ difett latenti fil-mutur imma hija limitata esklussivament għall-kwistjoni naxxenti mill-kwalità pattwita referibbilment għall-mudell tal-mutur u l-kilometraġġ tiegħu. Fir-rigward tas-sottomissjoni li l-azzjoni odjerna hija perenti bid-dekors tat-terminu skont l-art. 1431 tal-**Kodiċi Ċivili** ċitat mill-istess konvenuti, jingħad li, se mai, din il-linja difensorja kellha titqanqal permezz ta’ risposta formali u skont il-liġi da parti tal-konvenuti u mhux permezz ta’ nota ta’ sottomissjonijiet. Inoltre huwa ċar li in vista tan-natura tal-azzjoni u ta’ dak li jinsab espressament provdut taħt l-art. 1407 tal-**Kodiċi Ċivili** l-azzjoni odjerna żgur li ma tistax tiġi meqjusa bħala perenta (ara f’dan is-sens ukoll dak deċiż mill-Onor. Qorti tal-Appell fit-2 ta’ Diċembru, 2005 permezz tas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Zarb et vs Mira Motor Sales***

***Limited** u wkoll dak deċiż, fost oħrajn, mill-istess Onor. Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2004 permezz tas-sentenza fl-ismijiet **Noel Curmi et vs Dr Joseph Ellis noe)**.*

*Illi fir-rigward tal-mertu jingħad li huwa l-istess attur li, permezz tal-affidavit tiegħu, jistqarr illi:*

*"*4. The defendants Mr Christopher Abela and Mr David Smith, when I was at their shop even **showed me the Log book of the motorcycle (with registration number ACP 273) which showed me a mileage in the region of thirty three thousand kilometres (33,000km).** They assured me that the motorcycle was in an excellent condition and that the model was that of a GTS 300. This even showed on the stickers of the motorcycle in question (...)
*7.* After the sale and when I took delivery of the motorcycle it was mounted with an analogical dashboard. The defendants explained to me that I had to go again to their shop as they told me that they wanted to fit the motorcycle with the original digital dashboard as they mentioned that it was being repaired for some reason. I went their (sic) again as they had instructed me and fit the digital dashboard on my motorcycle. As soon as looked at it, to my surprise the odometer showed a mileage of around one hundred and twelve thousand kilometres (112,000km);
8. I decided to take the motorcycle to a mechanic I trust and that is well versed on Vespas whose name is Neville to ask him about this matter of the odometer. The mechanic on seeing the motorcycle revealed to me that incidentally he had already inspected the motorcycle earlier as the defendants had tried to sell it to him. **The mechanic informed me that he had made his verifications by connecting the motorcycle to the computer and confirmed that the actual mileage of that motorcycle was what was being shown on the electronic dashboard which was in the region of one hundred and twelve thousand kilometres (112,000km).** (...)
9. **On further inspection the mechanic confirmed to me that this motorcyle that I had just bought was not a 'GTS 300' model but a '250' model, it just had the stickers added on it of a 'GTS 300'.** (...)
11. I then had no other option but to proceed with legal action against them **as they had sold me a motorcycle that was not of the same quality as that they promised me."** *(enfasi miżjuda)*

*Illi dan kollu ġie effettivament pruvat ukoll tramite x-xhieda tal-mechanic Neville Magri:*

"Ngħid li l-mudell li ġabli Siciliano effettivament kienet mudell ta' Vespa GTS 250. Ngħid li d-differenza bejn GTS 300 u GTS 250 il-body huwa l-istess imma l-unika differenza hi li fuq in-naħa tal-lemin hemm il-ventilators u dana fil-mudell tat-300. Fil-

fatt qed nara r-ritratt a fol. 8 tal-proċess ngħid li fuq il-lemin ta' din il-Vespa ma jirriżultax li hemm ventilators u minn hemmhekk ukoll nista' nikkonferma dak li għadni kif xhedt li dan kien mudell GTS 250."

*Illi f'dan ir-rigward xehed ukoll is-surveyor Anthony Mizzi li wkoll ikkonferma li:*

"**Ngħid li jien stajt nistabbilixxi wkoll il-mileage ta' dan il-mutur kien over hundred thousand kilometres, din id-diskrepanza li jiena nsemmi fl-istess tieni klawsola tar-rapport tiegħi jiena stabilixxejtu wara li rajt il-logbook li jinsab ukoll esebit fil-proċess fejn jirriżulta li kien hemm mileage ta' thirty three thousand. Innutajt ukoll li l-istickers li hemm fuq il-mutur jgħidu xi ħaġa differenti b'differenza minn dak li jirriżulta mil-logbook tal-istess mutur, dana b'referenza għall-mudell tal-istess mutur.**" **(***enfasi miżjuda)*

*Effettivament, anki mir-ritratti esebiti mill-attur u annessi mal-istess avviż tat-talba, jirriżulta li l-istickers imwaħħlin fuq il-mutur jirreferu għall-mudell GTS 300 (Dok. R a fol. 9 tal-proċess) mentri l-mudell effettiv kien dak ta' Vespa 250 kif irriżulta ċar mill-provi prodotti. Hekk ukoll fir-rigward tal-mileage il-logbook jirreferi għall-figura ta' 33722 b'differenza minn dak li rriżulta kjarament mill-provi prodotti f'dawn il-proċeduri kif hawn fuq rappurtat. Dawn iż-żewġ aspetti għandhom kwindi jiġu ritenuti essenzjali għall-kuntratt u espressament pattwiti anke in vista tal-informazzjoni espressament provduta mill-istess intimati in kwantu vendituri lill-attur bħala xerrej.*

*Illi f'dan ir-rigward wara li reġa' ra t-talba attriċi u wara li sema' x-xhieda tas-surveyor Anthony Mizzi fejn dan stqarr ukoll:*

"Inġibditli l-attenzjoni wkoll mill-mechanic illi meta ftaħna t-tap taż-żejt kien hemm taħlita ta' żejt u ilma. Din x'aktarx li hija riżultat ta' xi problema jew fil-gasket jew fil-magna tal-istess mutur. **Fuq mistoqsija tat-Tribunal ngħid illi jiena mhux f'pożizzjoni jekk hemm xi diskrepanza fil-valur tal-mutur u ċioe tal-Vespa bejn mudell GTS 300 jew mudell GTS 250. L-irwol tiegħi kien limitat għar-rapport li jiena qed nara u nikkonferma a fol. 5 tal-proċess. Ngħid li jiena wasalt għal konklużjoni li dan il-mutur jiswa eight hundred euro (€800) bid-difetti li jiena stajt nirriskontra.**" *(enfasi miżjuda)*

*It-Tribunal ordna lix-xhud sabiex* "jindika permezz ta' nota ġuramentata kwalunkwe diskrepanza fil-prezz riżultanti mill-mudell GTS 250 għall-mudell 250 avut rigward għad-data ta' bejgħ tal-istess vettura u wkoll b'referenza għall-mudell kif indikat fil-logbook u inkluż ukoll id-diskrepanza fil-mileage li l-istess xhud xehed dwaru" *u dana skont il-poteri konċessi lilu mill-**Att dwar Tribunal għal Talbiet Żgħar,** senjatament l-art. 9 tal-istess. Fil-fatt l-istess xhud ressaq dikjarazzjoni maħlufa li permezz tagħha*

*iddikjara li* "**difference in price between a GTS 300 Vespa and a 250 Vespa is that of approx. 300 Euros since the GTS 300 is a different engine**." *Minkejja dak ordnat mit-Tribunal ma jidhirx li tali dikjarazzjoni tindika espressament l-effett fuq dak il-prezz derivanti mill-mileage tal-istess vettura. Madanakollu t-Tribunal huwa f'pożizzjoni li jiddetermina tali ammont b'referenza għall-figuri l-oħrajn li jinsabu hemmhekk indikati u skont il-kalkoli li ser isiru hawn taħt.*

*Preċedentement, waqt ix-xhieda tiegħu mogħtija waqt is-seduta tat-12 t'Ottubru, 2020, l-istess surveyor Mizzi kien iddikjara li wasal għall-konklużjoni li l-Vespa kienet tiswa tmien mitt euro (€800) dakinhar tax-xiri tagħha* "wara li kkunsidrajt id-difett li kien fiha l-magna, id-diskrepanza ossia l-avarija li hemm fil-mileage u wkoll il-ħsara li hemm fl-istruttura tal-istess Vespa." *Tenut kont li l-Vespa inxtrat versu l-prezz ta' €2850, id-differenza bejn tali prezz u l-valur tagħha, b'referenza għat-tliet elementi msemmija, ta' €800 huwa dak ta' €2050 kif mitlub. Permezz tad-dikjarazzjoni ġuramentata tiegħu, is-surveyor Mizzi iddikjara wkoll li r-riparazzjonijiet fil-frame jammontaw għal €1200 filwaqt li r-riparazzjonijiet fil-magna jiswew madwar €350. Jekk wieħed inaqqas dawn iż-żewġ figuri (€1200 u €350) mid-differenza fil-prezz hawn fuq nutata (€2050) jirriżulta li l-avarija fil-mileage influwixxiet fuq l-avarija fil-prezz fis-somma rimanenti ta' ħames mitt euro (€500). Dan allura jfisser li, wara li wieħed jikkunsidra biss l-elementi mertu ta' din il-kawża skont l-avviż tat-talba – senjatament id-differenza fil-mudell u diskrepanza fil-mileage – skont ix-xhieda tas-surveyor, l-attur huwa intitolat biss għar-riżarċiment tas-somma ta' €300 fir-rigward tad-differenza fil-mudell u għar-riżarċiment ta' €500 fir-rigward tal-avarija fil-mileage għas-somma totali ta' tmien mitt euro (€800).*

*Illi għaldaqstant, avut rigward għan-natura tal-azzjoni odjerna, għall-fatt illi l-elementi li jinsabu kontestati mill-attur fir-rigward tal-bejgħ jirrigwardaw id-differenza bejn il-vettura effettivament mibjugħa u l-kwalità tagħha pattwita determinata mill-mudell u mill-mileage tagħha, it-Tribunal isib li huwa ġust u ekwu li l-attur jiġi riżarċit għas-somma msemmija ta' tmien mitt euro (€800) kalkulata skont kif surriferit.*

*Għaldaqstant it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi jilqa' t-talba attriċi limitatament fis-somma ta' tmien mitt euro (€800), bl-imgħaxijiet mid-data tas-sentenza odjerna u bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali 979/2019 jiġu sopportati in kwantu għal żewġ partijiet minn ħamsa (2/5) mill-attur u in kwantu għar-rimanenti tliet partijiet (3/5) minn ħamsa mill-konvenut."*

## L-Appell

10. L-intimati ressqu l-appell tagħhom mid-deċiżjoni rikorrenta fid-9 ta' Diċembru, 2020, fejn talbu lil din il-Qorti sabiex,

> *"... jogħġobha tirrevoka u tħassar għal kollox is-sentenza fl-ismijiet premessi datata 20 ta' Novembru, 2020 tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar b'dana illi tiċħad it-talba tar-rikorrent bl-ispejjeż kontrih."*

11. L-intimati spjegaw li huma ħassew ruħhom aggravati bid-deċiżjoni tat-Tribunal u dan għaliex kien hemm ksur tad-dettami tal-imparzjalità u tal-ekwità skont il-liġi. L-intimati qalu li filwaqt li huma japprezzaw li l-artikoli tal-Kap. 380 huma maħsuba sabiex jirriflettu l-fatt li t-Tribunal għandu jaqta' l-kawżi quddiemu prinċipalment skont l-ekwità, madanakollu dan ma jistax ixejjen u jneħħi għalkollox il-proċeduri quddiem il-Qrati. L-intimati qalu li permezz tal-verbal tal-5 ta' Marzu, 2020, ir-rikorrent kien għalaq il-provi tiegħu, u t-Tribunal iddiferixxa l-kawża għas-sentenza għall-20 ta' April, 2020. Fil-mori l-partijiet ippreżentaw is-sottomissjonijiet tagħhom. Dakinhar tas-seduta tat-13 ta' Lulju, 2020, li kienet maħsuba għall-għoti tas-sentenza, it-Tribunal ordna lix-xhud Anthony Mizzi (*surveyor)* jixhed ulterjorment fis-seduta sussegwenti, u permezz tal-verbal tat-12 ta' Ottubru, 2020, it-Tribunal reġa' ordna lill-istess xhud jippreżenta nota sabiex jagħti aktar informazzjoni dwar id-diskrepanza bejn il-mudell GTS 300 u l-mudell GTS 250.

12. L-intimati qalu li meta t-Tribunal *di sua sponte* ordna lix-xhud Anthony Mizzi jerġa' jixhed u jippreżenta nota ġuramentata wara li ngħalqu l-provi tar-rikorrent, u wara li l-partijiet ippreżentaw in-noti ta' sottomissjonijiet tagħhom

u l-kawża kienet tħalliet għas-sentenza, seħħet irregolarità proċedurali. L-intimati qalu li fiż-żewġ istanzi huma opponew għal din id-deċiżjoni, jiġifieri dik li s-*surveyor* jerġa' jixhed wara li ngħalqu l-provi, u dik li t-Tribunal ordna li tiġi ppreżentata nota addizzjonali mis-*surveyor*, imma t-Tribunal ċaħad it-talbiet tal-intimati. L-intimati qalu li l-osservanza tar-regoli tal-proċedura hija meħtieġa sabiex tiġi assigurata l-ordni fil-kondotta tal-kawża, kif ukoll sabiex bir-regolarità tal-proċeduri jiġi evitat li ssir inġustizzja, u fl-istess ħin dawn ir-regoli jservu biex jagħtu u jassiguraw l-opportunità sħiħa sabiex il-partijiet ikunu jistgħu jiddefendu rwieħhom. L-intimati komplew jgħidu li t-Tribunal ma jistax jipprovdi huwa stess u jissostitwixxi n-nuqqas ta' inizjattiva proprja tar-rikorrent li jippreżenta provi ċari in sostenn tat-talbiet tiegħu. L-intimati saħqu li t-Tribunal ma kellux minn jeddu jordna lix-xhud Anthony Mizzi jerġa' jixhed u jitolbu jippreżenta nota ġuramentata sabiex jagħmel tajjeb għan-nuqqas ta' provi miġjuba mir-rikorrent, u dan sabiex jiġi stabbilit it-tnaqqis fil-prezz. L-intimati qalu li dan kellu jkun ir-rwol tar-rikorrent, u din il-prova kellha tinġieb fl-istadju tal-provi tiegħu u mhuwiex ir-rwol tal-ġudikant li jitlob li jitressqu provi u stimi addizzjonali tas-*surveyor* sabiex jagħmel tajjeb għan-nuqqas ta' provi sodisfaċenti tar-rikorrent.

13. It-tieni aggravju tal-intimati jolqot ir-rapport u n-nota ġuramentata tax-xhud Anthony Mizzi. L-intimati qalu li minn ħarsa lejn ir-rapport ippreżentat minn dan ix-xhud, wieħed jista' jinduna li l-konklużjonijiet tiegħu wasal għalihom abbażi ta' konġetturi, suppożizzjonijiet u assunzjonijiet. L-intimati qalu li dan is-*surveyor* naqas milli jieħu konsiderazzjoni tat-trapass taż-żmien bejn id-data tal-kuntratt ta' bejgħ tal-mutur inkwistjoni u d-data ta' meta sar ir-rapport

tas-*surveyor.* Qalu li mill-provi jirriżulta li filwaqt li l-mutur inxtara fis-16 ta' Marzu, 2019, is-*surveyor* Tonio Mizzi ra l-mutur fil-21 ta' Ottubru, 2019. L-intimati qalu li s-*surveyor* naqas milli jikkonsidra illi l-muturi jiddeprezzaw b'rata mgħaġġla, u li l-mutur huwa tas-sena 2006, kif ukoll naqas milli jikkonsidra l-kundizzjoni tal-mutur meta dan kien jinsab għand ir-rikorrent. L-intimati qalu li s-*surveyor* naqas milli jikkonsidra jekk matul il-perijodu meta l-mutur kien għand ir-rikorrent, dan kienx jinżamm barra espost għall-elementi, u jekk tul dan iż-żmien ir-rikorrent kellux xi inċident bl-istess mutur. Qalu wkoll li s-*surveyor* lilhom ma kellimhomx sabiex jistħarreġ il-kundizzjoni tal-mutur fil-mument tal-bejgħ. L-intimati qalu li dawn il-fatturi kollha jindikaw li r-rapport li sar mis-*surveyor ex parte* mhuwiex biżżejjed biex jistabbilixxi t-tnaqqis fil-prezz, b'dan illi t-Tribunal kien żbaljat meta uża dan ir-rapport bħala bażi sabiex jistabbilixxi t-tnaqqis fil-valur tal-mutur fil-mument tal-bejgħ.

14. L-intimati qalu wkoll li n-nota ġuramentata ppreżentata minn Anthony Mizzi hija għalkollox xotta u tonqos milli tagħti spjegazzjoni dwar kif huwa wasal għaċ-ċifri indikati fl-istess nota. L-intimati qalu li l-ammonti msemmija huma biss indikazzjoni tal-valur, u bl-ebda mod ma jagħtu s-serħan il-moħħ li dawn iċ-ċifri huma reali u attwali. Komplew jgħidu li fil-fatt in-nota tuża l-kliem *approximately* diversi drabi, u għalhekk isegwi li l-eżerċizzju tat-Tribunal sabiex tiġi determinata l-allegata riduzzjoni fil-valur, kien żbaljat.

15. It-tielet aggravju tal-intimati huwa li t-Tribunal naqas milli jagħmel apprezzament korrett tal-provi. L-intimati qalu li l-ftehim bejn il-partijiet kien li r-rikorrent jakkwista mutur tal-għamla Vespa GTS u mhux Vespa GTS 300, u dan

il-fattur ġie kkonfermat mill-kuntratt ta' bejgħ bejn il-partijiet, fejn ġie indikat li r-rikorrent kellu jixtri 'Vespa – Model: GTS'. L-intimati qalu li r-rikorrent kien konxju mill-fatt li huwa kien qiegħed jixtri GTS 250, kif jindika l-*logbook* tal-mutur inkwistjoni esebit fl-atti tal-proċess. Qalu li r-rikorrent stess xehed li meta mar fil-ħanut tal-intimati, dawn urewh il-*logbook* tal-mutur, u dan il-fattur ikompli jikkonferma li l-intimati biegħu mutur Vespa GTS 250, u mhux kif qiegħed isostni r-rikorrent. Qalu li l-fatt li l-mutur kellu l-*istickers* imwaħħlin ta' Vespa GTS 300, ma jwasslux għall-konklużjoni allegata mir-rikorrent, li fil-mument tal-bejgħ il-partijiet biegħu Vespa GTS 300 u mhux GTS 250.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell u l-Appell Inċidentali</u>**

16. Fir-Risposta tal-Appell tiegħu r-rikorrent qal li f'dan il-każ it-Tribunal ħass il-ħtieġa li jagħmel mistoqsijiet addizzjonali lis-*surveyor* bis-salvagwardji opportuni għad-drittijiet tal-partijiet rispettivi, u dan wara li qies li ma kien hemm xejn fid-digriet tiegħu tat-13 ta' Lulju, 2020 li jilledi d-drittijiet tal-partijiet, jew li jikser xi drittijiet bażiċi tagħhom. Kompla jgħid li l-istess Tribunal, fil-verbal tas-seduta tat-12 ta' Ottubru, 2020 jgħid li qed jagħti din l-ordni skont il-liġi u b'ekwità bejn il-partijiet. Ir-rikorrent jgħid li l-intimati qegħdin jużaw dan l-aggravju sabiex jittentaw idawru l-ordni maħruġa mit-Tribunal għall-benefiċċju tagħhom, u jippruvaw jimplikaw li r-rikorrent ma ressaqx biżżejjed provi sabiex jipprova t-talba tiegħu. Ir-rikorrent qal li mill-provi kellu jirriżulta b'mod ċar li huwa safa ttradut mill-intimati meta dawn biegħulu mutur mudell differenti minn dak li ddikjaraw miegħu, u li kellu kilometraġġ ferm aktar minn dak li

stqarrew miegħu. Ir-rikorrent qal li anki jekk għall-grazzja tal-argument jista' jitqies li kien hemm xi nuqqas proċedurali meta t-Tribunal ordna li jixhed Anthony Mizzi, din ix-xhieda addizzjonali effettivament ma kkontribwiet għal ebda prova ulterjuri, u għalhekk żgur li d-drittijiet tal-intimati ma ġewx ippreġudikati b'xi mod.

17. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-intimati, ir-rikorrent qal li s-*surveyor* wasal għall-konklużjonijiet tiegħu wara li spezzjona l-mutur fiżikament, u dan kif ikkonferma waqt id-depożizzjoni tiegħu. Ir-rikorrent kompla jgħid li hija asserzjoni kompletament gratuwita u bla bażi dik tal-intimati li fl-appell tagħhom jgħidu li l-konklużjonijiet tas-*surveyor* huma bbażati fuq konġetturi, suppożizzjonijiet u assunzjonijiet. Ir-rikorrent qal li l-iskop ta' dan ir-rapport kien sabiex fl-ewwel lok jistabbilixi d-diskrepanza fil-mudell u fil-kilometraġġ, u fit-tieni lok sabiex jiġi stabbilit li l-valur attwali tal-mutur huwa ta' €800. Qal li sa fejn l-intimati qegħdin jilmentaw li huma ma pparteċipawx u ma kkontribwixxewx f'din il-konstatazzjoni li għamel is-*surveyor*, dan huwa nuqqas li jaħtu għalih huma biss, partikolarment wara li ġew iddikjarati kontumaċi.

18. B'riferiment għat-tielet aggravju, ir-rikorrent qal li l-aggravju kif propost mill-intimati, mhuwa xejn ħlief aggravju fieragħ li ma jirriżultax. Qal li l-intimati qegħdin jippruvaw jgħidu li huwa xtara mutur tal-marka GTS 250, iżda dan mhux minnu, u agħar minn hekk jaslu biex jgħidu li l-indikazzjoni fuq il-mutur bl-*istickers* bil-kliem 'GTS 300' ma jwasslux għall-konklużjoni li huma biegħu GTS 300, iżda setgħu biegħu mudell ieħor. Ir-rikorrent qal li dan jikkonferma l-intenzjoni qarrieqa u l-*mala fede* tal-intimati meta huma biegħulu il-mutur. Qal

ukoll li l-intimati dejjem ikkonfermaw miegħu li l-Vespa li kienu qegħdin ibiegħulu kien GTS 300, kif jirriżulta mill-*istickers* imwaħħla fuq il-mutur.

**L-Appell Inċidentali**

19. Fl-appell inċidentali tiegħu, ir-rikorrent qal li l-ewwel aggravju jirrigwarda l-likwidazzjoni tal-ammont li għandu jiġi riżarċit lilu, u dan wara li s-*surveyor* Anthony Mizzi attribwixxa l-valur ta' €800 għal dan il-mutur. Qal li tenut kont tal-fatt li ġie ampjament ippruvat illi l-kwalità tal-imsemmi mutur ma kinitx tikkorrispondi ma' dik attwalment imwiegħda mill-intimati, id-differenza fil-prezz li għandha tiġi riżarċita lilu għandha tkun ta' €2,050, kif mitlub fir-rikors promotur, u mhux ta' €800.

20. It-tieni aggravju fl-appell inċidentali tar-rikorrent, huwa dwar l-ispejjeż ġudizzjarji. Ir-rikorrent qal li ladarba ġie ppruvat li l-intimati biegħulu mutur mhux tal-kwalità pattwita u li kellhom intenzjoni qarrieqa u anki aġixxew in mala fede, isegwi li huwa ma kellux jiġi kkundannat iħallas parti mill-ispejjeż tal-kawża, u l-intimati kellhom jiġu kkundannati jħallsu l-ispejjeż tal-kawża kollha huma.

**Ir-Risposta għall-Appell Inċidentali**

21. L-intimati wieġbu għall-appell inċidentali tar-rikorrent billi qalu li r-rikorrent qiegħed jilmenta minħabba l-mod kif ġie likwidat l-ammont li huwa jippretendi li għandu jitħallas lilu, għaliex il-kwalità tal-mutur mibjugħ lilu ma

kinitx tikkorrispondi ma' dik imwiegħda, imma fil-fehma tal-intimati l-ebda ammont m'għandu jiġi likwidat. L-intimati jgħidu li t-talba tar-rikorrent hija mfassla taħt l-artikolu 1390 tal-Kap. 16, iżda r-rapport ippreżentat mis-*surveyor* Anthony Mizzi ma jinkludix id-diskrepanza fil-prezz bejn Vespa GTS 300 u GTS 250, iżda jkopri l-allegati difetti latenti, liema ħsarat la ġew mitluba, la jirriżultaw u fi kwalunkwe każ l-azzjoni għalihom hija perenta u dan *ai termini* tal-artikolu 1431 tal-Kap. 16. L-intimati jgħidu li l-artikolu 1390 tal-Kap. 16 jitlob *sine qua non* li ssir stima ta' periti li fuqha tiġi kkalkulata r-riduzzjoni tal-prezz tal-oġġetti sabiex jagħmel tajjeb għad-diskrepanza fil-kwalità, u għalhekk mhux biżżejjed li jiġi stabbilit li l-oġġett ikun ta' kwalità differenti. L-intimati qalu li l-ewwel rapport ippreżentat mis-*surveyor* Mizzi mhux biżżejjed biex jistabbilixxi r-riduzzjoni tal-prezz tal-mutur. L-intimati qalu li l-iskop primarju tar-rikorrent kien li r-rapport tas-*surveyor* ikun jinkorpora fih difetti u ħsarat fil-mutur, iżda mill-banda l-oħra ir-rapport kellu jistabbilixxi d-diskrepanza fil-valur bejn Vespa 250 u Vespa GTS 300, u d-diskrepanza fil-valur bejn mutur li jkollu fuqu 33,000 kilometru, u mutur li għamel 100,000 kilometru. Ir-rikorrenti jgħidu li dan ir-rapport jonqos milli jsemmi wkoll elementi bażiċi, liema elementi huma kruċjali sabiex jistabbilixxu l-valur tal-mutur veru u proprju fil-mument tal-akkwist. L-intimati qalu li kienet din ir-raġuni għalfejn wara li r-rikorrent għalaq il-provi tiegħu quddiem it-Tribunal, u wara li l-partijiet ippreżentaw in-noti ta' sottomissjonijiet tagħhom, u wara li l-kawża ġiet differita għas-sentenza, it-Tribunal talab lil Anthony Mizzi jerġa' jixhed u jippreżenta nota addizzjonali b'aktar informazzjoni. L-intimati qalu li anki hawnhekk, in-nota ġuramentata li ppreżenta dan ix-xhud, xorta waħda hija bbażata fuq konġetturi, assunzjonijiet u suppożizzjonijiet. L-intimati komplew jgħidu li n-nota ppreżentata minn

Anthony Mizzi fit-23 ta' Ottubru, 2020, hija xotta u tonqos milli tagħti spjegazzjoni dwar kif is-*surveyor* wasal għaċ-ċifra indikata fl-istess nota, u għalhekk fil-fehma tal-intimati, it-Tribunal ma kellux jieħu konsiderazzjoni ta' dan ir-rapport, partikolarment għaliex dan ma jissostanzjax il-pretensjoni tar-rikorrent, iżda joħloq aktar dubji u inkonsistenzi. L-intimati qalu li huwa fatt li t-Tribunal ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq iċ-ċifri indikati fl-ewwel rapport tas-*surveyor* Mizzi u fin-nota ġuramentata tiegħu, sabiex laqa' t-talba attriċi limitatament għas-somma ta' tmien mitt Euro (€800). Iżda l-intimati jgħidu li dan ir-rapport jonqos milli jieħu konsiderazzjoni ta' diversi fatturi, fosthom id-deprezzament mgħaġġel tal-mutur, is-sena li fiha ġie manifatturat il-mutur, jiġifieri l-2006, il-kundizzjoni li r-rikorrent kien iżomm il-mutur fiha, jekk matul dan il-perijodu kienx hemm xi inċident bil-mutur, kif ukoll jekk il-mutur tħalliex espost għall-elementi. L-intimati qalu li minħabba f'dawn il-fatturi kollha, ir-rapport huwa minnu nnifsu żbaljat u difettuż, u għalhekk ma jistax jintuża biex tiġi stabbilita d-diskrepanza fil-valur.

22. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appell inċidentali, l-intimati qalu li t-Tribunal fehem li l-proċeduri quddiemu kellhom diversi nuqqasijiet, u kien għalhekk li l-ispejjeż ġew maqsuma u r-rikorrent ġie kkundannat iħallas parti minnhom. L-intimati qalu li tant kemm it-Tribunal fehem li l-provi prodotti mir-rikorrent kienu nieqsa, li minn jeddu talab u ordna li jinġiebu aktar provi u dan billi ppermetta li tiġi ppreżentata nota ġuramentata tas-*surveyor,* meta l-kawża kienet imħollija għas-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

23. Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex fl-ewwel lok tevalwa l-aggravji sollevati mill-intimati, u dan fid-dawl tar-risposta intavolata mir-rikorrent u tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata. Il-mertu tal-każ huwa wieħed pjuttost sempliċi, fejn ir-rikorrent xtara mutur mingħand l-intimati, liema mutur sussegwentement instab li ma kienx tal-kwalità pattwita bejn il-partijiet, u kellu għadd ta' difetti li r-rikorrent ma ġiex mgħarraf bihom qabel il-bejgħ.

*L-ewwel aggravju:* *[ksur tad-dettami tal-imparzjalità u tal-ekwità skont il-liġi]*

24. L-intimati jgħidu li t-Tribunal kiser il-prinċipji tal-imparzjalità u tal-ekwità, għaliex wara li r-rikorrent għalaq il-provi tiegħu u l-kawża ġiet differita għas-sentenza, u l-partijiet ippreżentaw in-noti ta' sottomissjonijiet tagħhom, it-Tribunal iddeċieda li jerġa' jibgħat għax-xhud Anthony Mizzi sabiex jiċċara x-xhieda tiegħu, u wara din l-udjenza t-Tribunal ippermetta lill-istess xhud jippreżenta nota ġuramentata b'dettalji dwar id-diskrepanza bejn il-valur tal-mudell GTS 300 u tal-mudell GTS 250.

25. Il-Qorti kkonsidrat dan l-aggravju fit-tul, għaliex mill-verbali esebiti fil-proċess kif ukoll mill-atti, jirriżulta li x-xhieda addizzjonali ta' Anthony Mizzi ntalbet mit-Tribunal mhux tant biex dan iżid mal-informazzjoni li kien diġà ta fl-ewwel depożizzjoni tiegħu, iżda biex jiċċara xi punti li kien qajjem meta ddepona quddiem it-Tribunal. Jirriżulta li l-intimati kienu diġà wrew l-oppożizzjoni

tagħhom għall-mod kif it-Tribunal iddeċieda li jsejjaħ mill-ġdid lil dan ix-xhud wara li l-partijiet kienu diġà ngħataw il-fakultà li jagħmlu n-noti ta' sottomissjonijiet u l-kawża kienet marret għas-sentenza. Mill-verbali tal-proċeduri li nżammu quddiem it-Tribunal, jirriżulta li t-Tribunal ħass il-ħtieġa li jassigura lill-partijiet li huwa kien qiegħed jimxi skont il-prinċipji tal-ekwità u tal-ġustizzja naturali, u li l-jeddijiet tagħhom kienu ser jiġu mħarsa.

26. Il-Qorti tqis li anki jekk, kif fil-fatt ġara, ix-xhieda ta' Anthony Mizzi kienet meħtieġa biss biex tispjega aktar fid-dettall dak li kien xehed dwaru preċedentement, il-mod kif mexa t-Tribunal ma kienx jirrispetta l-ordinament proċedurali li soltu jiġi segwit fil-kawżi quddiem il-Qrati tagħna. Ma kellu qatt ikun li wara li l-partijiet ntalbu jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom, li fihom iressqu r-raġunijiet għaliex fil-fehma tagħhom it-talba tar-rikorrent għandhiex tintlaqa' jew le, it-Tribunal jerġa' jsejjaħ xhud biex jelabora dwar ix-xhieda tiegħu, u agħar minn hekk ma jagħtix ċans lill-partijiet jagħmlu sottomissjonijiet ulterjuri wara li ngħatat dik ix-xhieda. Il-Qorti ttenni li anki jekk materjalment dak li xehed dwaru Anthony Mizzi ma kien tal-ebda rilevanza partikolari, u ma żied jew naqqas xejn mal-aspetti materjali tal-każ li huwa kien diġà xehed dwarhom, proċeduralment dan ma kienx il-mod kif it-Tribunal kellu jimxi, u għalhekk qiegħda tilqa' dan l-aggravju. Imma l-Qorti żżid tgħid ukoll, li kuntrarjament għall-impressjoni li ppruvaw jagħtu l-intimati bl-aggravju tagħhom, ix-xhieda ta' Anthony Mizzi ma kinitx meħtieġa għaliex ir-rikorrent naqas milli jipprova l-każ tiegħu, jew naqas milli jressaq xhieda idoneji sabiex jitfgħu dawl fuq il-każ imressaq minnu, imma għaliex it-Tribunal ried jiċċara xi punti li kienu diġà ssemmew fl-ewwel depożizzjoni li ta x-xhud quddiem it-

Tribunal. Għaldaqstant il-Qorti tqis li dan l-ewwel aggravju huwa mistħoqq, u qiegħda tilqgħu minħabba nuqqas proċedurali da parti tat-Tribunal, u mhux bħala nuqqas da parti tar-rikorrent fil-mod kif għażel li jipprova l-każ tiegħu.

*It-tieni aggravju: [ir-rapport u n-nota ġuramentata ta' Anthony Mizzi]*

27. L-intimati jgħidu li s-*surveyor ex parte* Anthony Mizzi, wasal għal għadd ta' konklużjonijiet abbażi ta' konġetturi, suppożizzjonijiet u assunzjonijiet. Huma semmew, fost difetti oħra, li dan naqas milli jikkonsidra d-dekors taż-żmien bejn id-data tal-bejgħ tal-mutur, u d-data meta sar ir-rapport tas-*surveyor,* u qalu li filwaqt li l-mutur inxtara fis-16 ta' Marzu, 2019, ir-rapport tas-*surveyor* sar fil-21 ta' Ottubru, 2019. L-intimati jgħidu li f'dan it-trapass ta' żmien kien hemm deprezzament tal-mutur, kien hemm dubji dwar il-mod kif l-istess mutur kien jinżamm meta kien fil-pussess tar-rikorrent, kien hemm dubju dwar jekk il-mutur kienx jitħalla espost għall-elementi u dwar jekk ir-rikorrent kellux xi inċident bil-mutur f'dan il-perijodu. L-intimati qalu li r-rikorrent ma żvelax mas-*surveyor* li huwa kien ilu jagħmel użu minn dan il-mutur għal aktar minn seba' xhur meta talbu jispezzjonah.

28. Iżda l-Qorti kkonsidrat li mix-xhieda mogħtija mir-rikorrent innifsu, irriżulta li dan mar għand *mechanic* ta' fiduċja tiegħu u sussegwentement talab l-għajnuna tas-*surveyor* Mizzi, wara li rriżultalu li l-mutur li xtara ma kienx tal-kwalità pattwita, u ried jikkonferma li l-mudell li xtara mingħand l-intimati ma kienx dak miftiehem magħhom, kif ukoll li dan il-mutur partikolari kellu kilometraġġ li jeċċedi l-mitt elf kilometru, mentri fil-*log book* li huwa ngħata mill-

intimati, jidher li l-mutur inkwistjoni kellu kilometraġġ biss ta' 33,000 kilometru. Kienu dawn iż-żewġ fatturi, jiġifieri l-għamla tal-mutur u l-kilometraġġ, li wasslu lir-rikorrent ifittex l-assistenza ta' *surveyor*, u kien meta ġie kkonstatat li dan il-mutur diġà kellu kilometraġġ li jeċċedi l-mitt elf kilometru, li s-surveyor Mizzi kkonstata li il-mutur ma kienx jiswa aktar minn €800 meta nxtara mir-rikorrent. Is-*surveyor* Mizzi spjega li mutur li jkollu dak l-ammont ta' kilometri jkun sofra ħafna *wear and tear,* u għalhekk il-prezz tal-mutur fiż-żmien meta ġie akkwistat mir-rikorrent kien ta' €800. Fi kliem is-*surveyor, "[i]n my opinion taking into consideration the above mentioned I would consider that the price to buy this Vespa should have been that of around Euros 800 at the time of purchase, not as it was sold for the price of €2,850."*

29. Dan ifisser li l-fatt li laħqu għaddew madwar seba' xhur bejn id-data tal-bejgħ tal-mutur u l-ġurnata meta r-rikorrent talab lil Anthony Mizzi jagħmel ir-rapport tiegħu, huwa immaterjali għaliex is-*surveyor* kien qiegħed jistabbilixxi l-valur tal-mutur meta kien sar il-bejgħ, wara li ħa konsiderazzjoni tal-ammont ta' mili li dan kellu, kif ukoll il-fatt li minkejja li r-rikorrent kien mingħalih li qiegħed jakkwista Vespa GTS 300, sussegwentement instab li dan kien Vespa GTS 250. Il-Qorti tagħmel riferiment għall-fatt li l-mutur inkwistjoni kien mudell tal-2006, u għalhekk kien ilu fit-triq mat-tlettax-il sena, meta xtraħ ir-rikorrent. Il-prezz ta' €2,850 kien ikun ġustifikat li kieku dan il-mutur verament kellu l-ammont ta' kilometri li l-intimati indikaw fuq il-*log book* u li kieku l-mudell tal-magna tal-mutur verament kellha l-qawwa li xtaq ir-rikorrent, u mhux meta l-mutur kellu aktar minn 100,000 kilometru fit-triq, u ma kienx lanqas il-mudell li ried ir-

rikorrent. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jitqies bħala wieħed fieragħ, u tiċħdu.

*It-tielet aggravju:* *[in-nuqqas ta' apprezzament tal-provi]*

30. L-intimati jgħidu li t-Tribunal naqas milli jikkonsidra li l-partijiet kienu ftiehmu fuq il-bejgħ ta' mutur tal-għamla 'Vespa GTS' u mhux 'Vespa GTS 300', u żiedu jgħidu li r-rikorrent kien konxju tal-fatt li dan il-mutur fil-fatt kien GTS 250, kif irriżulta mil-*log book.* Qalu wkoll li l-*istickers* imwaħħlin mal-ġnub tal-mutur li jindikaw li dan kien mutur tal-għamla GTS 300, ma kellhomx iwasslu lir-rikorrent għall-konklużjoni li dan il-mutur kien mudell 300.

31. Il-Qorti tqis li filwaqt li jirriżulta li huwa minnu li fil-ftehim iffirmat bejn il-partijiet m'hemmx indikata l-qawwa tal-magna tal-mutur, iżda hemm indikat biss 'Vespa GTS', l-istess dikjarazzjoni hija waħda qarrieqa fil-konfront tar-rikorrent, għaliex fuqha l-kilometraġġ ġie didkjarat li kien ta' 33,000 kilometru. Dan ġie replikat fil-*log book* li akkumpanja l-mutur, u dan minkejja li r-rikorrent ikkonferma b'diversi mezzi, kif irriżulta mill-provi prodotti, li dan il-mutur kellu aktar minn 100,000 kilometru fuqu. Mir-ritratti esebiti u minn dak li setgħet tikkonstata wkoll din il-Qorti, l-indikazzjoni 'GTS 300' mhix sempliċiment *sticker* imwaħħla, iżda kif jidher mir-ritratt *a fol.* 8 tal-proċess, apparti l-*isticker* hemm ukoll *badge* lewn il-fidda li tindika l-qawwa tal-magna u li tagħti awtentikazzjoni lill-marka tal-mutur. Ir-rikorrent, li avviċina dan il-bejgħ b'*bona fede* wara li ra reklam għal bejgħ ta' mutur ta' din l-għamla partikolari u interessa ruħu fih, ma kellu għalfejn jagħmel l-ebda indaġni ulterjuri għajr għal dak li rriżultalu mad-

daqqa t'għajn meta eżamina l-mutur u dak li kien jidher fuq id-*dashboard* li dak iż-żmien kellu mwaħħal fuqu, u li kien jindika l-ammont ta' kilometri li dan il-mutur kellu fuqu. Anki mil-*log book* esebit mhuwiex evidenti mad-daqqa t'għajn li l-għamla ta' dan il-mutur hija 250, għaliex din l-indikazzjoni tinsab imniżżla fil-parti intestata 'Qawwa tal-magna', u għalhekk l-għamla tal-mutur ma kinitx daqshekk evidenti li wieħed seta' jistabbilixxi faċilment li dan kien GTS 250. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

**<u>L-Appell Inċidentali</u>**

*L-ewwel aggravju:* *[dwar il-likwidazzjoni tal-ammont li għandu jiġi riżarċit lir-rikorrent]*

32. Ir-rikorrent qal li mir-rapport imħejji mis-*surveyor,* għandu jirriżulta li l-mutur inkwistjoni kellu l-valur ta' €800 meta nxtara minnu, u għalhekk, anki in linea mat-talba oriġinali li saret mir-rikorrent, id-differenza fil-prezz li għandha tiġi riżarċita lilu għandha tkun ta' €2,050 u mhux ta' €800.

33. L-intimati wieġbu għal dan billi qalu li t-talba tar-rikorrent hija mfassla taħt l-artikolu 1390 tal-Kap. 16, u r-rifużjoni mitluba mir-rikorrent ma tkoprix id-diskrepanza fil-valur bejn Vespa GTS 300 u GTS 250, iżda tkopri l-allegati difetti latenti, u dawn il-ħsarat la qatt ġew mitluba, la jirriżultaw, u fi kwalunkwe każ l-azzjoni għalihom hija perenta u dan *ai termini* tal-artikolu 1431 tal-Kap. 16. L-intimati qalu li l-artikolu 1390 tal-Kap. 16, li abbażi tiegħu r-rikorrent għamel il-proċeduri jitlob li ssir stima ta' periti li fuqha tiġi kkalkulata r-riduzzjoni fil-prezz

tal-oġġetti sabiex jagħmel tajjeb għad-diskrepanza fil-kwalità, u biex jiġi ffissat dan it-tnaqqis fil-prezz, trid issir stima ta' periti. L-intimati qalu li r-rapport ippreżentat mis-*surveyor* Mizzi mhux biżżejjed sabiex jistabbilixxi r-riduzzjoni fil-prezz tal-mutur, u l-iskop tar-rikorrent meta talab lis-*surveyor* Mizzi għal rapport, kien li dan jistabbilixxi d-diskrepanza fil-valur bejn Vespa 250 u Vespa GTS 300, u d-diskrepanza fil-valur bejn mutur li għandu kilometraġġ ta' 33,000 kilometru u mutur li għandu kilometraġġ ta' 100,000 kilometru. L-intimati qalu li s-*surveyor* naqas milli jispjega kif wasal għaċ-ċifra ta' €800 fin-nota tiegħu, u li huwa bena r-rapport tiegħu fuq diversi konġetturi, suppożizzjonijiet u assunzjonijiet. Qalu li s-*surveyor* naqas milli jieħu konjizzjoni ta' diversi fatturi fir-rapport tiegħu, fosthom tad-deprezzament mgħaġġel tal-mutur, is-sena li fiha l-mutur ġie manifatturat (l-2006), il-kundizzjoni li nżamm fiha l-mutur meta dan kien għand ir-rikorrent, jekk il-mutur inżammx espost għall-elementi, u jekk ir-rikorrent kellux xi inċident b'dan il-mutur.

34. Imma l-Qorti ma taqbel xejn ma' dawn l-asserzjonijiet li qegħdin jagħmlu l-intimati. F'dan l-istadju għandu jkun ċar għal kulħadd li r-rikorrent safa mqarraq għaliex huwa kien mingħalih li xtara mutur b'ċilindrata mod, u sussegwentement irriżultalu mod ieħor. Ir-rikorrent safa ingannat ukoll għaliex kien mingħalih li akkwista mutur li kellu fuqu 33,000 kilometru, imma sussegwentement instab li dan kellu aktar minn 100,000 kilometru. Huwa evidenti li mutur li għamel aktar minn 100,000 kilometru fit-toroq Maltin, għandu ħsarat attribwibbli għall-*wear and tear* ferm aktar minn mutur li nstaq 33,000 kilometru biss. Fil-fehma tal-Qorti, l-intimati mhumiex ikunu loġiċi fl-argumentazzjoni tagħhom li mutur manifatturat fl-2006 u li nxtara f'Marzu tal-

2019 kien jiswa €2,850, iżda f'sitt xhur dan iddeprezza b'aktar minn €2,000 u sar jiswa €800 biss. Huwa ferm aktar kredibbli s-*surveyor* fir-rapport tiegħu fejn jgħid li fiż-żmien meta l-mutur ġie akkwistat mir-rikorrent, kien jiswa €800, tenut kont mhux biss taċ-cilindrata tiegħu, iżda anki tal-ammont ta' kilometri li kellu fuqu. Fil-fehma tal-Qorti, it-Tribunal kien żbaljat meta fil-konklużjonijiet tiegħu qal li l-avarija fil-kilometraġġ issarrfet f'differenza ta' €500 fil-prezz, għaliex sa mill-bidu nett li ta x-xhieda tiegħu Anthony Mizzi, dan spjega li din id-diskrepanza fil-kilometraġġ sarrfet f'aktar *wear and tear* fuq il-mutur, u li mutur tal-għamla Vespa GTS 250 li f'Marzu tal-2019 kellu aktar minn 100,000 kilometru ta' sewqan, kellu valur fis-suq ta' €800, mingħajr konsiderazzjoni tal-ħsarat u tad-difetti l-oħra kollha li nstab li kellu il-mutur.

35. Minn dan isegwi li r-rikorrent għandu jiġi riżarċit l-ammont ta' €2,050, skont it-talba oriġinali tiegħu, għaliex il-mutur mixtri minnu, kuntrarjament għal dak li kien miftiehem bejn il-partijiet, ma kienx jiswa aktar minn €800 fil-mument tal-bejgħ.

36. Isegwi ukoll għalhekk li d-deċiżjoni tat-Tribunal fir-rigward tal-ispartizzjoni tal-ispejjeż hija żbaljata u għandha tiġi mibdula, b'tali mod li jkunu l-intimati li jiġu kkundannati jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż kollha tal-proċeduri quddiem it-Tribunal, kif ukoll tal-proċeduri quddiem din il-Qorti.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tal-intimati, billi filwaqt li tilqa' l-ewwel aggravju tal-intimati, qiegħda tiċħad it-**

**tieni u t-tielet aggravji tagħhom, filwaqt li tilqa’ l-aggravji sollevati fl-appell inċidentali tar-rikorrent, tikkundanna lill-intimati jirrifondu l-ammont ta’ elfejn u ħamsin Euro (€2,050) lir-rikorrent, stante li l-valur tal-mutur meta dan ġie mixtri mir-rikorrent kien ta’ €800, u tordna li l-ispejjeż tal-proċeduri f’din l-istanza u fl-ewwel istanza, għandhom jitħallsu mill-intimati.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**